DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Ġunju 2009

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

(2009/516/KE)

IL-KUNSILL TAl-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru [1] (il-Ftehim) f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fit-28 ta' Settembru 2008, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/797/KE [2] tal-25 ta' Settembru 2008.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuni mogħtija s-setgħa li jagħmlu n-notifika prevista fl-Artikolu 7(1) tal-Ftehim.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ŠEBESTA

[1] ĠU L 273, 15.10.2008, p. 9.

[2] ĠU L 273, 15.10.2008, p. 7.